MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 400/2008

**A.M. Developments Limited (C18510).**

**vs**

**Joseph Vella (ID 5648M) u martu Maria Doris *sive* Doris Vella (ID 704054M) u b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2008 gew kjamati fil-kawza Emanuel Bonello, Carmen Bonello, Mary Rose Borg, David Borg, Anthony Borg, Emanuel Borg u Christopher Borg.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' A.M. Developments Limited datat 16 ta' Dicembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn l-istess socjeta' ppremetiet:-

Illi s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja ta' porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala ta' Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada tal-

Handaq, fil-limiti ta' Hal Qormi, tal-kejl ta' cirka erbat itmiem u hames kejliet (T4.S0.K5) ekwivalenti ghal cirka erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4,590 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma' beni ta' Giuseppe Agius, Lbic ma' beni ta' Dun Gorg Zarb u Grigal u Lvant ma' beni ta' Giuseppe Agius, kif soggetta ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta' mija tmienja u ghoxrin euro u tnax-il centezmu (€128.12) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin Lira Maltija (Lm55), minn kull haga ohra libera u franka bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha u dana kif jirrizulta minn zewg kuntratti datati rispettivament 29 ta' Jannar 2004 in atti Nutar Dottor John Spiteri u 1 ta' Gunju 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion, Dokumenti "AMD1" u "AMD2".

Illi l-konvenuti qed jokkupaw l-imsemmija porzjoni ta' art minghajr titolu validu fil-Ligi.

Illi ghalkemm l-istess konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jizgombraw mill-imsemmija porzjoni ta' art huma baqghu inadempjenti.

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-izgumbrament taghhom mill-imsemmija porzjoni ta' art.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti, jizgombraw mill-porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala ta' Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada tal-Handaq, fil-limiti ta' Hal Qormi, tal-kejl ta' cirka erbat itmiem u hames kejliet (T4.S0.K5) ekwivalenti ghal cirka erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4590 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma' beni ta' Giuseppe Agius, Lbic ma' beni ta' Dun Gorg Zarb u Grigal u Lvant ma' beni ta' Giuseppe Agius, kif soggetta ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta' mija tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€128.12) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin Lira Maltija (Lm55), minn kull haga ohra libera u franka bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha, u dana *stante* li l-konvenuti qed jokkupaw l-istess art minghajr titolu validu fil-Ligi, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenuti qed jokkupaw l-istess porzjoni diviza ta' art minghajr titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenuti, inkluza azzjoni ghad-danni konsegwenti ghall-okkupazzjoni illecita da parti taghhom tal-art mertu ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol 37 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Mejju 2008 fejn wara li xehed il-konvenut Joseph Vella fejn ecceppixxa t-titolu permezz tal-preskrizzjoni akkwisitiva ta' tlettin (30) sena, il-Qorti ddecidiet li l-konvenut ipprova li prima facie ghandu eccezzjonijiet x'jaghti u allura pprefigiet terminu lill-istess intimat ta' ghoxrin (20) gurnata ghall prezentata ta' nota ta' eccezzjoni/risposta guramentata da parte tieghu fis-sens indikat.

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimati Joseph u Maria Dolores *sive* Doris Vella datata 16 ta' Gunju 2008 a fol. 43 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta *a tenur* tal-**artikolu 2143** u jew **l-artikolu 2144 tal-Kodici Civili**.

2. Illi fit-tieni lok, m'humiex minnu li l-esponenti m' ghandhomx titlu ghall-porzjon ta' art mertu ta' din il-kawza, in kwantu l-esponenti ghandhom titolu originali akkwistat minnhom *tramite* l-uzukapjoni.

Salv *eccezzjonijiet* ohra skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores *sive* Doris Vella a fol. 44 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi tal-konvenuti a fol. 44 tal-process.

Rat il-**kontro-talba rikonvenzjonali** tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores *sive* Doris Vella [detenturi tal-karti tal-identita' bin-numru 5648 (M) u 704054(M) rispettivament] a fol. 46 tal-process fejn ppremettew: -

Illi l-esponenti qed jokkupaw u ilhom fil-fatt jokkupaw *animo domini* l-ghalqa maghrufa bhala Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada Tal-Handaq, fil-limiti ta' Hal Qormi, tal-kejl ta' cirka erbat itmiem u hames kejliet, ekwivalenti ghal circa erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4,590 $m^2$) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma' beni ta' Giuseppe Agius, mil-Lbic ma' beni ta' Dun Gorg Zarb u mill-Grigal u l-Lvant ma' beni ta' Giuseppe Agius, u dan mis-sena elf disa' mija sitta u sittin (1966).

Illi *in oltre* l-pussess taghhom dejjem kien pubbliku, inekwivoku, pacifiku, kontinwu u minghajr ebda interruzzjoni.

Illi b’konsegwenza, l-esponenti akkwistaw titolu originali fil-konfront tal-imsemmija porzjon t’art, u dan *tramite* l-uzukapjoni.

Illi s-socjeta’ attrici qieghda tvanta pretensjonijiet dominikali fil-konfront tal-istess art.

Illi ghalhekk kellha ssir din ir-rikonvenzjoni.

Ghladaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara li:

1. L-esponenti huma s-sidien esklussivi tal-ghalqa maghrufa bhala Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada Tal-Handaq, fil-limiti ta’ Hal Qormi, tal-kejl ta’ cirka erbat itmiem u hames kejliet, ekwivalenti ghal circa erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4,590m$^2$) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma’ Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma’ beni ta’ Giuseppe Agius, mil-Lbic ma’ beni ta’ Dun Gorg Zarb u mill-Grigal u l-Lvant ma’ beni ta’ Giuseppe Agius u dan *tramite* l-uzukapjoni trigenarja; u li

2. Is-socjeta’ attrici m’ghandha l-ebda titlu validu fil-konfront tal-imsemmija porzjon t’art, u dan previa kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti tal-konvenuti a fol 47 sa fol 57 tal-process.

Rat ir-**risposta tas-socjeta’ attrici A. M. Developments Limited (C18510) ghall-kontro-talba** tal-konvenuti datata 10 ta’ Lulju 2008 a fol. 59 tal-process fejn Anton Camilleri ID 228266M bil-gurament tieghu jikkonferma: -

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta` attrici rikonvenzjonata hija l-

proprjetarja tal-porzjoni diviza ta’ art maghrufa bhala ta’ Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada tal-Handaq, fil-limiti ta’ Hal Qormi, tal-kejl ta’ cirka erbat itmiem u hames kejliet (T4.S0.K5) ekwivalenti ghal cirka erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4590 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma’ Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma’ beni ta’ Giuseppe Agius, Lbic ma’ beni ta’ Dun Gorg Zarb u Grigal u Lvant ma’ beni ta’ Giuseppe Agius, kif soggetta ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta’ mija tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€128.12) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin Lira Maltija (Lm55), minn kull haga ohra libera u franka bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha u dana kif jirrizulta minn zewg kuntratti datati rispettivament 29 ta’ Jannar 2004 in atti Nutar Dottor John Spiteri u 1 ta’ Gunju 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion u minn provenjenza ulterjuri.

2. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuti rikonvenzjonanti jehtigilhom jipprovaw it-titolu minnhom allegat sal-grad ta’ prova rikjest mil-Ligi *stante* li l-istess huwa kontestat.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, *in vista* tan-natura tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, is-socjeta` attrici rikonvenzjonata titlob ghall-finijiet tal-**artikolu 1422 tal-Kodici Civili** il-kjamata fil-kawza tal-awturi taghha, Emanuel Bonello u Mary Rose Borg, armla ta’ Vincent Borg, u wliedha David Borg, Anthony Emanuel Borg u Christopher Borg eredi tal-istess Vincent Borg.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ A.M. Developments Ltd (C18510) a fol 60 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness ta’ A.M. Developments Ltd (C18510) a fol 60 sa fol 84 tal-process.

Rat ir-rikors ta' A.M. Developments Ltd (C18510) datat 3 ta' Ottubru 2008 a fol 133 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna s-sejha fil-kawza ta' Emanuel Bonello, Carmen Bonello, Mary Rose Borg, David, Anthony Emanuel u Christopher ahwa Borg; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti *seduta stante* fit-8 ta' Ottubru 2008.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Emanuel Bonello (ID 691336M) datata 6 ta' Frar 2009 a fol 218 tal-process fejn espona :-

1. Fl-ewwel lok, illi talba ghall-izgumbrament fil-konfront tal-esponenti ma tistax tintlaqa' u hija ghalhekk infondata in kwantu l-esponenti mhuwiex qieghed jokkupa l-art mertu ta' din il-kawza kif lanqas qieghed jivvanta xi drittijiet jew titolu fuqha, u gialadarba dan huwa ammess fir-rikors guramentat l-esponenti ghandu minnufih jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi fil-mument tat-trasferiment tal-istess ghalqa mill-esponenti favur is-socjeta` attrici permezz ta' att pubbliku li jgib id-data tal-1 ta' Lulju 1999, l-ebda terz ma kien qieghed jivvanta xi pretensjoni jew dritt fuq l-istess ghalqa kif lanqas ma kien l-esponenti kkonceda fuq l-istess art xi drittijiet ta' kwalsiasi natura favur terzi tant illi l-istess ghalqa giet trasferita lis-socjeta` attrici bil-pussess battal.

3. Illi fit-tielet lok, il-konvenuti Joseph u Maria Doris *sive* Doris konjugi Vella ma jgawdu l-ebda titolu ta' propjeta` validu fil-ligi fir-rigward tal-ghalqa mertu ta' din il-kawza *stante* illi dak li jtennu l-konvenuti u cioe` li din l-art kienet ghaddiet ghandhom mill-poter ta' George Cilia huwa inveritier *stante* illi George Cilia, li minghandu jippretendu li akkwistaw xi titolu l-istess konvenuti, huwa l-awtur nnifsu tat-titolu tal-esponenti u tas-socjeta` A.M. Developments Limited fost ohrajn.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda ta' Emanuel Bonello a fol. 219 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Mary Borg, David Borg, Anthony Emanuel Borg u Christopher Borg ghall-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjanti Joseph Vella (ID No. 5648M) u martu Maria Doris *sive* Doris Vella (ID 704054M) datata 30 ta’ April 2009 a fol 231 tal-process fejn David Borg (ID 454369M) bil-gurament tieghu kkonferma: -

1. Illi, preliminarjament, l-ulied u eredi tad-defunt Vincent Borg, l-awtur tas-socjeta` attrici A.M. Developments Limited riferibilment ghal nofs indiviz tal-ghalqa mertu ta’ din il-kawza, huma l-esponenti David Borg, Anthony Emanuel Borg u Christopher Borg (tliet ulied), u mhux erba’ ulied kif erroneament kjamati in kawza - David Borg, Anthony Borg, Emanuel Borg u Christopher Borg, u ghalhekk ikun opportun li jsiru d-debiti korrezzjonijiet.

2. Illi, fil-mertu, it-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-kjamati in kawza bhala eredi tad-defunt Vincent Borg, kienet proprjetarja ta’ nofs indiviz mill-porzjoni diviza ta’ art maghrufa bhala ta’ Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada tal-Handaq, fil-limiti ta’ Hal Qormi, tal-kejl ta’ cirka erbat itmiem u names kejliet (T4.S0.K5) ekwivalenti ghal cirka erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4590 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma’ Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma’ beni ta’ Giuseppe Agius, Lbic ma’ beni ta’ Dun Gorg Zarb u Grigal u Lvant ma’ beni ta’ Giuseppe Agius, kif soggetta ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta’ mija tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€128.12) [ekwivalenti ghal hamsa u hamsin Lira Maltija (Lm55)], minn kull haga ohra libera u franka bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha, u sussegwentement l-awtur tal-kjamat in kawza, (illum defunt) Vincent Borg kien biegh u ttrasferixxa validament, in bwona fede u skont il-ligi s-sehem tieghu ta’ nofs indiviz mill-imsemmija ghalqa lis-socjeta’ attrici A.M. Developments Ltd. permezz ta’ kuntratt datat 29 ta’ Jannar 2004 in atti Nutar Dottor John Spiteri.

3. Illi, fi kwalsijasi kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti rikonvenzjonanti jehtigilhom jipprovaw it-titolu minnhom allegat sal-grad ta' prova rikjest mil-Ligi *stante* li l-istess huwa kontestat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda ta' Mary Borg, David Borg, Anthony Emanuel Borg u Christopher Borg ghall-Kontro-Talba tal-konvenuti rikonvenzjanti Joseph Vella (ID No. 5648M) u martu Maria Doris *sive* Doris Vella (ID 704054M) a fol 232 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2009 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli sabiex tiffissa s-seduti ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli, bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti pprezenti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-8 ta' Frar 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mark Simiana ghall-konvenuti, Dr. Chris Cilia ghall-kjamat-in-kawza Borg. David Borg prezenti u Dr. Massimo Vella ghas-socjeta` attrici u Anton Camilleri in rapprezentanza tal-istess socjeta` attrici. Xhed David Borg. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed. Dr. Massimo Vella jiddikjara li vverifika personalment li t-traskrizzjonijiet dattilografiti tal-kuntratti esebiti u miktubin a mano huma korretti u fidili ghall-originali. Id-difensuri prezenti aderixxew ruhhom mal-istess. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u tat lill-konvenuti Vella tletin (30) gurnata zmien ghan-nota bin-notifika lill-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghan-nota taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores *sive* Doris konjugi Vella datata 25 ta' Frar 2011 a fol 336 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' A.M. Ddevelopments Ltd (C 18510) datata l-1 ta' April 2011a fol 364 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza Mary Borg et datata 11 ta' April 2011 a fol 379 tal-propcess.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat il-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi s-socjeta' attrici qed tikkontendi li hija proprjetarja tal-art *de quo* deskritta fir-rikors guramentat minnha pprezentata konsistenti f'porzjoni diviza ta' art maghrufa bhala ta' Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada Tal-Handaq, fil-limiti ta' Hal Qormi, tal-kejl ta' cirka erbat itmiem u hames kejliet, ekwivalenti ghal circa erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4,590$m^2$) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in parti ma' beni ta' Giuseppe Agius, mil-Lbic ma' beni ta' Dun Gorg Zarb u mill-Grigal u l-Lvant ma' beni ta' Giuseppe Agius, kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' 128.12 Euro (ekwivalenti ghal Lm55) u dan ghaliex hija ssostni li akkwistat l-istess permezz ta' zewg kuntratti datati rispettivament 29 ta' Jannar 2004 (Dok. "AMD 1") in atti Nutar Dottor John Spiteri u 1 ta' Gunju 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok. "AMD2").

Illi fil-fatt mill-istess kuntratti jirrizulta li s-socjeta' attrici akkwistata porzjoni diviza mill-imsemmija art

rispettivament minghand Emanuel u Carmen Bonello fil-kuntratt tal-1 ta’ Gunju 1999 u minghand Vincent u Rose konjugi Borg mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri datat 29 ta’ Gunju 2004, u l-art giet akkistatata *“bil-pussess vakanti u li ma hemmx gabilotti”* (fol. 8) u *“free and unencumbered”.*

Illi l-istess venditori kienu rispettivament akkwistaw l-istess proprjeta’ taht titolu ta’ sub-enfitewsi perpetwa mill-poter ta’ l-Avukat (wara l-Onorevoli Mhallef) Joseph Herrera u Frederic Ciantar pemress ta’ tmien kuntratti datati 27 ta’ Marzu 1967 fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis (fol. 250 sa fol. 265 esebiti b’nota datata 3 ta’ Frar 2010 – fol. 249) fejn f’kull kuntratt f’klawsola 4 ta’ kull wiehed minnhom hemm stipulat li *“s-subkoncedenti jirriserva d-dritt li joqghod jahdem ir-raba’ trasferit sa Awwissu tas-sena kurrenti u li jahsad l-ucuh u jaqla’ s-serra tad-tadam...”* (fol. 251; 253; 254; 256; 258; 260 ;u 262).

Illi l-istess art kienet giet akkwistata minn dak in-nhar l-Avukat Dr. Joseph Herrera u Frederick Ciantar b’titolu ta’ cens perpetwu minghand Giorgio Cilia b’kuntratt datat 9 ta’ Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro (fol. 264) u dan dejjem bil-garanzija ta’ pacifiku pussess; fl-istess kuntratt jinghad li l-imsemmija art l-venditur hemm imsemmi kien akkwistaha b’att tan-Nutar Oscar Azzopardi tad-9 ta’ Marzu 1946 (fol. 266) minghand Anna mart Antonio Vella u hutha, ulied il-mejtin Salvatore Falzon u Grazia nee’ Galea, li kienu mietu rispettivament fis-6 ta’ Frar 1943 u 8 ta’ Settembru 1938, u li l-wirt taghhom gie denunzjat fl-10 ta’ Gunju 1943 u fis-7 ta’ Jannar 1939 skont l-Ordinanza tal-1918; fl-ahharnett jirrizulta li l-istess awturi ta’ Giorgio Cilia kienu akkwistaw l-istess art permezz ta’ kuntratt mill-poter ta’ Eduardo Delicata u l-Perit Nicola Scifo Diamiantino permezz ta’ kuntratti datati 5 ta’ Lulju 1911 fl-atti tan-Nutar Gioacchino Cardona (fol. 99) u tal-25 ta’ Novembru 1911 fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier,  li min-naha tieghu kien akkwista l-art permezz ta’ att ta’ divizioni datat 24 ta’ Awwissu 1898 (fol. 104) fl-atti tan-Nutar Giuseppe Frendo Micallef (fol. 270), liema art id-dirett dominju taghha, deskritt fir-raba’ porzjoni tal-imsemmi att gie assenjata proprio lill imsemmi

Eduardo Delicata u dan kollu kif ikkonfermat mid-dokumenti kollha esebiti, inkluzi l-atti pubblici hawn indikati u l-affidavit ta' Anton Camilleri datat 18 ta' Lulju 2008.

Illi jirrizulta wkoll li din l-art kienet registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura f'isem Mrs. Falzon, u l-ahhar registrazzjoni kienet saret fuq Frederick Ciantar fl-14 ta' Dicembru 1967 kif jidher minn Dok. "PA 1" (fol. 148) – ikkonfermat minn Paul Azzopardi rappresentat tal-istess Dipartiment fis-seduta quddiem din il-Qorti datata 8 ta' Ottubru 2008 (fol. 150 *et sequitur).* Fl-istess xhieda jinghad li l-istess raba' qatt ma kienet registrata fuq il-konvenut (fol. 155).

Illi f'dan il-kuntest jinghad li f'azzjoni *rei vendicatoria,* bhal ma hija dik istitwieta mis-socjeta' attrici, kif inghad fis-sentenza **"Rosaria sive Lucy Dimech vs Giorgia Cassar et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2007) li l-attur irid jipprova li 'l hinn minn kull dubju li huwa proprjetarju tal-istess art minnu ndikata u sakemm dan isir il-konvenut ma jista' jaghmel xejn.

Illi fil-fatt din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Vincent Ciliberti *nomine* vs Marianna Spiteri et"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Frar 2003) fejn gie citat dak li qal ***Andrea Torrente*** fil-ktieb **'Trattato Di Diritto Civile'** fis-sens li:-

*"La revendicazione (art.948 cod.civ.) e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si affarma proprietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene".*

*"L'attore, in conformita' delle regole generali, ha l'onero di dimostrare il suo diritto; percio`, se l'acquisto non e' a titolo originario, ha l'onero di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare all'infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di 'probatio diabolica)".*

*"La posizione del convenuto riguardo alla prova e' molto piu' comoda di quella dell'attore ("commodum possessionis"): egli puo' limitarsi a dire 'possideo quia possidea' ed attendere che l'attore provi il suo diritto".*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **"Alosia Fenech u ohrajn vs Francesco Debono u iehor"** (P.A. (W.H.) 14 ta' Mejju 1935 – XXIX.ii.488) inghad li:-

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Abela vs Gauci" maqtugha fl-1 ta' Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement min-natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta` mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vo.VI.160): 'e dunque il suo diritto di proprieta' che il rivendicante deve provare. Finche' non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo' sebare il silenzio, e vincere' la lite per cio' solo che il rivendicante non avra' provato di essere proprietario. Cio' e' universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1995, - LXXIX.iii.1257) fejn gie affermat li:-

*"L-azzjoni tentata mill-attur hi dik rivendikatorja. L-eccezzjoni decennali moghtija mill-konvenut tittanta toqtol dik l-azzjoni indipendentement mill-validita' tat-titolu li jippretendi li ghandu l-attur u dan qabel ma ssir investigazzjoni fil-fond ta' tali titolu. Japplikaw dawn il-konsiderazzjonijiet ta' ligi:*

*"Min jitlob ir-revendikazzjoni ta' immobbli ghandu d-dover li qabel xejn hu jipprova l-proprjeta` tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghalfejn jiftah halqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza".*

*"Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija ghandha ssostni lill-*

*pussessur”.* (*vide* **“Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg et”** (A.C. – 17 ta’ Novembru 1958).

Illi l-istess gie kkonfermat fis-sentenza **“Clive Simpson *nomine vs* Dr. Gaudenz Borg”** (A.C. (GMB) 6 ta’ Lulju 1993 – LXXXVII.ii.310) fejn inghad li:-

*“Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur ghandu jipprova d-dominju tieghu fuq il-haga rivendikata u mhux bizzejjed li jipprova li l-istess haga mhux tal-konvenut ghaliex il-ligi tirrikjedi li jipprova b’mod inekwivoku li l-istess hija tieghu nnifsu. Ghandu ghalhekk l-oneru tal-prova u l-prova li hi rikjesta minnu trid tkun kompleta u konkluzziva”.* **(“Av. Dr. Rene’ Frendo Randon noe vs Francis Camilleri *et nomine*”** - A.C. (H.H.) 2 ta’ Dicembru 1987. LXXI.ii.531; **“Alfred Copperstone vs Francesco Grech et”** – P.A. (J.C.C.) 14 ta’ Dicembru 1951 ).

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Cassar vs Trevisan"** (A.C. 4 ta’ Dicembru 1879) fejn jinghad li:-

*"L’attrice, appogiando la sua odierna azione al diritto di proprieta’. Era nell’obbligo, gusta la nottissima regola che l’attore deve provare I fatti necessari per stabilire la sua domanda, di dimostrare che la detta persona n’era veramente proprietaria".*

Illi l-estremi tal-azzjoni rivendikatorja **“Wisq Reverendu Kan. Giuseppe Cassar nomine vs Emmanuele Barbara et”** (A.C. – 7 ta’ Ottubru 198) huma ghalhekk:-

(1) li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li akkwista dak id-dominju legittimament; u

(2) li l-konvenut ikun qed jippossjedi dik il-haga.

Illi dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun pjena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta jekk ir-rivendikant juri titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikant ma jaghmilx din il-prova, il-konvenut ma ghandu bzonn li jipprova xejn ghax sakemm ir-rivendikant

ma jaghmilx dik il-prova, il-possessur tal-haga m'ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi huwa tenut li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant (**"Antione Salamone et vs John Azzopardi et"** (P.A. (GV) 26 ta' April 2002).

Illi konsistenti ma dan ***Walter Bigiavi*** jghid fil-ktieb **'Gurisprudenza Sistematica Civile e Commerciale'** (pg. 865) li:-

*"La prova della proprieta' si e' detto, dev'essere completa perche' l attore rivendicando, pone in essere il suo diritto di proprieta' e quindi il giudice, ha il dovere di pretendere la prova piena, non essendo sufficiente che l'attore dimostri di avere un titolu piu' forte di quello del convenuto"* (*vide* XXIX.ii.488 ; XXXV.ii.518 ; **"Abela vs Gauci"** – Vol. VIII.367).

Illi ghalhekk kif intqal fis-sentenza **"Anthony Mercieca vs Victor Buhagiar"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) li *"abbazi ta' din il-gurisprudenza konsistenti u konstanti jirrizulta li ghal fini ta' din il-kawza l-attur jrid u ghandu l-oneru tal-prova kollha fuqu, li biha jrid jikkonvinci li ghandu dritt ta' proprjeta` fuq il-bicca art mertu tal-kawza odjerna, u dan stante li l-konvenut qed jistrieh ukoll fuq il-pussess li huwa ghandu 'animo domini".* (**"Sac. Don Giovanni Agius nomine vs Paolo Genovese et"** - A.C. 21 ta' Jannar 1946) ; (**"Paul Camilleri et vs Joseph Camilleri"** (P.A. (RCP) 4 ta' Ottubru 2001) ; **"Giuseppi Vella vs Peter Sciberras"** (P.A. (RCP) 28 ta' Novembru 2002).

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi"** (A.C. (JSP. CAA. N.A) 27 ta' Marzu 1996 – LXXX.ii.605) inghad ukoll li:-

*"L-azzjoni esperita mill-attur nomine hi azzjoni 'rei vendicatoria', li hi azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` tal-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Huwa ghalhekk li din l-azzjoni jehtieg li tigi istitwita kontra dak li attwalment ikun jipposjedi l-haga".* (*vide* **"Paul**

**Agius et vs Michael Scicluna"** - P.A. l-1 ta’ Ottubru 1996).

Illi izda jigi nnutat li l-istess konvenuti f’din il-kawza mhux biss qaghdu fuq din l-eccezzjoni izda jidher li qed isostnu almenu anke mill-kontro-talba taghhom li huma ghandom titolu fuq l-istess art fuq preskrizzjoni ta’ tletin sena.

Illi f’dan il-kuntest jista’ jinghad li jissussistu l-elementi indikati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Grezzju Spiteri vs Catherine Baldacchino”** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) – 9 ta’ Frar 2001) fejn inghad li:-

*“Huwa principju fundamentali tad-dritt gudizzarju illi meta l-konvenut ma jirrispengiex il-pretensjonijiet tal-attur, sempliciment permezz tal-pussess li huwa ghandu animo dominii, imma jgib ‘il quddiem titolu li bih ried u jrid jipprova d-dritt tieghu ghall-haga li ghandu f’idejh, huwa mehtieg li jigi ezaminat dak it-titolu akkampat mill-konvenut. U allura l-prova ta’ dak it-titolu taqa’ fuq il-konvenut li jallegah” (Volume XXX.ii.765). ………(Jekk il-konvenut ma jasalx biex jipprova t-titolu tieghu, allura ma jistax izjed jinheba wara l-pussess u jghid “possideo quia possideo” ghaliex huwa nizel fil-kamp u fil-lotta gudizzjarja taht titolu ta’ proprjeta’ li jippretendi u jekk dak it-titolu jaqa’, huwa ma jibqaghlu xejn precizament ghaliex dak il-pussess li huwa qed jippretendi li ghandu huwa kollu bazat fuq dak it-titolu tal-proprjeta’ li huwa akkampa. Hu ghalhekk li f’dan il-kaz kif tajjeb issottmetta l-appellant “melius est non habere titolum quam habere vitoiosum”……”*

Illi dan gie llum ikkonfermat diversi drabi fil-Qrati nostrali tant li fil-kawza **“L-Onorevoli Perit Carmelo Vella et vs Anthony Cassar”** (P.A. (TM) – 17 ta’ Marzu 2005) inghad li:-

*‘Il-principju li min ghandu t-titolu ahjar jirbah il-kawza, minghajr il-htiega li dak li jkun jipprova t-titolu assolut, illum jinsab assodat fid-duttrina. Gia fis-seklu dsatax Francis E. Levy fil-ktieb “Preure par title du Droite de Propriete’ Immobiliere” kien wasal ghall-konkluzjoni li l-*

*proprjeta' huwa wara kollox dritt relattiv, u l-gudizzju ghandu jkun bazat fuq min, f'kawza bejn il-partijiet ikun ressaq l-ahjar prova. Awturi ohra jiddiskrivu l-azzjoni rei vendicatoria bhala 'una contraverseria tra privati'. (Tabet e Ottolenghi, La Proprieta'). Il-Pacifici Mazzoni jghid ukoll "sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu` fondato di quello del reo convenuto'. Illi din it-teorija tal-prova migliore ghandha l-bazi taghha fid-dritt ruman, u kienet tissejjah l-actio pubblicana. Li din l-azzjoni ghadha tezisti fid-Dritt Malti jirrizulta mill-gurisprudenza, fosthom* Attard vs Fenech *deciza fit-28 ta' April 1875 (Kollez Vol. XII. 390) fejn intqal li: "Con l'azione rei vendicatoria, l'attore deve provare di averne dominio della cosa che voule rivendicare e di averla legittimamente acquistata; con l'azione publicana deve provare di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu` debole del suo.........Kwindi, l-attur mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut".* (**Vella vs Camilleri"** – A.C. 12 ta' Dicembru 2002); **Direttur tal-Artijiet vs Polidano Brothers Limited"** (P.A. – 7 ta' Lulju 2004; **"Il-Kummissarju tal-Artijiet vs Frans Mallia"** (P.A. (JRM) – 20 ta' Jannar 2005); **"John Vella vs Sherlock Camilleri"** (A.C. – 12 ta' Dicembru 2002); u **"Benmar Company Limited vs Charlton Saliba"** (P.A. – 9 ta' Ottubru 2003).

Illi dwar dak vantat mill-konvenuti ssir riferenza ghal dak li inghad fis-sentenza **"Salvino Testaferata Moroni Viani vs Francis Montanaro"** (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003) fis-sens li:-

*"Hemm distinzjoni elementari bejn il-preskrizzjoni estintiva u l-preskrizzjoni akkwizitiva tal-proprjeta'. Filwaqt li fl-ewwel kaz min jaghti l-eccezzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skont liema terminu preskrittiv ikun applikabbli, jkun mbaghad jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezz li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni, fit-tieni kaz tal-preskrizzjoni akkwizittiva jispetta lill-konvenut debitur mhux biss li jipprova l-perkors taz-zmien stabbilit mil-ligi, imma wkoll l-elementi kollha li l-ligi tezigi li jigu ppruvati*

*biex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tinghata b'success".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Sammut Emanuel"** (P.A. (PS) – 28 ta' Marzu 2003) inghad li l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, u b'hekk irid ikun hemm pussess materjali fis-sens li jkun hemm il-poter ta' fatt fuq il-haga u dak intenzjonali, cjoe' l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprejatarju taghha - *"animus et corpus; corpis possessionis, et animus possidendi vel dominus domini"* b'dan li mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgwadija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja **"Rosaria Darmanin et vs Giorgia Cassar et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2007).

Illi fil-fatt gie kkonfermat fis-sentenza **"Aquilina vs Verdala Mansions"** (P.A. – 5 ta' Ottubru 2004) fejn inghad li:-

*"Rigward il-kuncett tal-pussess rikjest, jinsab insenjat illi tnejn huma l-elementi basici tieghu; dak materjali konsistenti fil-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali konsistenti fl-animus tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallieku hu kien proprjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini Mhux bizzejjed li jkun ezercizju bil-bona grazzja u tolleranza".*

Illi f'dan il-kuntest l-konvenuti jidher li qed jibbazaw it-titolu taghhom fuq il-prekrizzjoni ta' tlettin sena, u tali preskrizzjoni akkwisittiva tirrikjedi la titolu u lanqas buona fede, izda tirrikjedi biss pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u dan ghall zmien tlettin sena (**"Borg vs Farrugia nomine et"** – A.C. 15 ta' Marzu 1957 – Vol. XLI. i. 168) u **"Chetcuti et vs Xerri"** – A.C. – 31 ta' Mejju 1996. F'din l-istess vina hemm is-sentenza ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Lawrence Sciberras li b'digriet tat-3 ta' Settembru**

**2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem John Sciberras li miet fil-mori tal-kawza vs Joseph Sciberras et"** (A.C. 7 ta' Lulju 2006) fejn inghad li sabiex jigi ppruvat it-titolu hawn imsemmi hemm l-obbligu li ssir il-prova tat-titolu u f'dan il-kaz wiehed irid juri li l-pussess kien legitimu, kontinwu, mhux interott, pacifiku, publiku u mhux ekwivoku **(Vol. XXXV.i.105)** u dan gie ikkonfermat bis-sentenza **"Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Gunju 2011).

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **"Grezzju Spiteri vs Catherine Baldacchino"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001), **"In-Nutar Philip Saliba et vs Carmel Vella et"** (P.A. (RCP) - 10 ta' Gunju 2006) fejn inghad li l-preskrizzjoni akkwizittiva tranterinali hija *"preskrizzjoni din la tirrikjedi l-'giusto titolu' u lanqas il-'buona fede' u dana in kwantu ghall-ewwel rekwizit jigi sostitwit proprju z-zmien u ghat-tieni tissuplixxi l-presunzjoni tal-ligi (Vol.XXIX.ii.488). Din il-preskrizzjoni hija fondata fuq il-"pussess u dan il-pussess ghandu certu karattri. Irid ikun, cioe' kontinwu, pacifiku, fis-sens li ma jidhirx li kien originat minn attijiet ta' vjolenza, u lanqas klandestin; irid ikun univoku u 'animo domini' (P.A. Fench et cs Debono, 14.5.1935. Vol. XXIX.ii.488). Fi kliem iehor, il-pussess irid ikun legitimu, fis-sens ta' dgawdija ta' jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu innifsu, jigieiferi esklussiv, u assolut u mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-buona grazzja jew tolleranza (Appell "Grixti vs Ellul" 15.12.1939 Vol. XXX.i.457; P.A. Mamo vs Vella, 1.2.1951, Vol, XXXI.ii..341; Appell "Caruana et vs Vella 13.3.1953, Vol.XXXVII.i.105; "Briffa vs Sammut", P.A. 21. 5. 1953, u Appell 29.1.1954)" (Grazia Borg vs Rose Farrugia noe et. deciza mill-Appell fil-15/3/67. Vol.XLV.i.168).*

Illi f'dan il-kuntest tal-kawza odjerna din il-Qorti thoss li la darba hekk huwa l-kaz, fejn il-konvenuti mhux biss qed jopponu t-titolu tas-socjeta' attrici, izda qed jippretendu li huma l-proprjetarji tal-istess art, mela allura kif inghad fis-sentenza fuq citata **"L-Onorevoli Perit Carmelo Vella et vs Anthony Cassar"** (P.A. (TM) – 17 ta' Marzu 2005), u **"Carmelo Attard et vs Carmel Muscat et"** (A.C. – 18 ta' Dicembru 2009 li approvat dak li nghad fis-sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2007 (GV) li allura l-posizzjoni hija li kif:-

*"Gie ritenut fid-decizjoni tal-Prim Awla fl-ismijiet Mary Rose mart Joseph Aquilina et vs Antonio Piscopo illi meta l-konvenut jirreklama hu wkoll titolu ta' proprjeta' fuq l-art gie permess li l-ezami ma jkunx bazat fuq il-prova certa tat-titolu tal-attur, izda fuq wiehed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti. Ghalhekk la darba l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar, bi provi cari, univoci u indubbi. Inghad ukoll fid-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet Abela v. Zammit li meta l-imharrek jaghzel li jecepixxi d-dritt ta' proprjeta' "huwa jkun qieghed implicitament jirrikonoxxi d-dominju jew titolu tal-attur, izda jkun qieghed ighid illi t-titolu tieghu huwa aktar validu u kwindi skond ir-regoli probatorji 'reus in excipiendo fit actor', din id-difiza timporta li l-konvenut jghaddi ghall-provi tat-titolu tieghu, u jekk ma jirnexxilux fil-mertu, jkollha tipprevali l-massima "melius est non habere titolum quam habere vitiosum".* **F**is-sentenza **"Direttur tal-Artijiet vs Vincent Farrugia et"** (A.C. – 27 ta' Marzu 2009 dan gie kkonfermat meta nghad li meta l-konvenut mhux biss jillimita ruhhu sabiex jiddefendi ruhhu fuq bazi ta' pussess, imma wkoll fuq dak ta' titolu, il-Qorti trid tezamina wkoll dan it-titolu u tqis is-siwi tieghu bl-istess gharbiel li bih tqis it-titolu tar-rivendikant, u dan ghaliex f'dan il-kaz, *"l-ezami ma jkunx bazat fuq prova certa tat-titolu tal-attur, izda fuq wiehed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti. F'dan il-kaz il-gudizzju ma jkunx wiehed ta' effett erga omnes bazat fuq prova certa tat-titolu ta' l-attur, izda inter partes, bazat fuq studju komparattiv tal-pretensjonijiet tal-partijiet (Aquilina M v. Piscopo A. Prim Awla, deciza 24 ta' Ottubru 2003). Ghalhekk hawnhekk l-attur m'hemmx ghalfejn jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut".*

**I**lli abbazi ta' dan kollu jinghad li mill-atti processwali jirrizulta li s-socjeta' attrici ppruvat it-titolu taghha b'mod mill-iktar komprensiv, fejn dan adirittura jirresali ghas-sena 1898 u anke oltre la darba dan l-ahhar att pubbliku ta' dik is-sena kien kuntratt biss ta' divizzjoni.

Illi minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li huwa ghandhu titolu fuq l-art ibbazat fuq preskrizzjoni ta' iktar minn tlettin sena, fejn huwa qed jghid li huwa kellhu pussess mis-sena 1966, is-sena minn meta qed jallega li George Cilia kien ta din l-art lill missieru George Vella biex jahdimha, u wara tlett snin missier il-konvenut ghadda din l-art lill-konvenut. Izda din il-Qorti thoss li din l-vantazzjoni tal-konvenuti ma hijiex kredibbli u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(a) Minkejja li qed jghid li ilu 42 sena f'din l-art l-istess art qatt ma giet registrata f'isem il-konvenut Joseph Vella jew fuq missieru.

(b) Illi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2008 il-konvenut kien xehed li din l-art kienet inghatat l-ewwel lill missieru minn George Cilia, u mbaghad wara tlett snin missieru tahielu bil-kliem, u minn dak in-nhar baqa' jahdimha huwa; minn naha l-ohra fid-dikjarazzjoni guramentata anness mar-risposta mahlufa jghid li din l-art kienu haduha huwa u missieru flimkien.

(c) Illi x-xhieda ta' missier George Vella hija inverosimili anke peress li x-xhieda tiehu ma hija kkoroborata bl-ebda mod, u hija kontradetta mill-fatt li l-imsemmi George Cilia stess, li suppost tah l-art (bla ma qatt gie indikat kif inghata din l-art) kien biegh fl-istess sena u perjodu proprju ndikat mill-konvenuti l-istess art lill dak iz-zmien l-Avukat Dr. Joseph Herrera u lill Frederick Ciantar b'kuntratt datat 9 ta' Gunju 1996.

(d) Illi minkejja li l-istess konvenut jghid li huwa kellhu dejjem pussess tal-istess art, jirrizulta li fil-kuntratti meta dak in-nhar l-Avukat (wara l-Onorevoli Mhallef) Dr. Joseph Herrera u Frederick Ciantar taw l-art b'titolu ta' subenfitewsi lill Emmanuele Bonello u Vincent Borg permezz ta' diversi kuntratti maghmula fis-sena 1967, hemm dikjarat fl-istess kuntratti li *"s-subkoncedenti jirriserva d-dritt li joqghod jahdem ir-raba' trasferit sa Awissu tas-sena kurrenti u li jahsad l-ucuh u jaqla s-serra tad-tadam..."* (ara kuntratti numerati 1 fin-nota attrici a fol.

249 tal-process; u kuntratt esebit man-nota attrici a fol. 290 tal-process) u allura hemm dokumentat ghall darba ohra, din id-darba f'seba' atti pubblici li din l-art kienet qed tinhadem mill-awturi tas-socjeta' attrici, haga li bl-ebda mod il-konvenuti ma attwalment irnexxilhom jikkontradixxu b'mod konvincenti fl-ebda stadju; anzi jista' jinghad li fil-verita' l-istess konvenuti lanqas biss b'xi mod indirrizaw din il-prova dokumentarja, li tirrisali ghall perjodu meta l-istess konvenut kien lanqas ghadu ha l-allegat pussess tal-art *de quo* vantat minnhu f'din il-kawza, u allura fi zmien meta skond il-konvenut l-art kienet ghada f'idejn missieru.

(e) Illi mentri fix-xhieda tieghu missier il-konvenut George Vella (Dok. "JVO 1") jghid li kien ilu ma jersaq lejn l-ghalqa minn meta tah lill ibnu l-konvenut u cjoe' fin-1969, Alfred Agius, xhud prodott mill-konvenuti jghid li jaf lill intimat u missieru ilhom jahmdu l-art ghall xi hamsin (50) sena (xhieda 13 ta' Lulju 2008 – fol. 308 *et squiutur).* Ovvjament hawn il-versjonijiet tax-xhieda prodotti mill-konvenut stess lanqas ma jaqblu.

(f) Ix-xhieda konvenuta hija kontradetta wkoll min dik ta' Emmanuel Bonello li kien akkwista l-istess art b'kuntratt relattiv u li xehed li meta l-art kienet f'idejh huwa qatt ma ra lill-konvenut fl-istess raba' u lanqas qatt ma rah jahdimha.

(g) Illi mentri l-versjoni tal-konvenut hija li missieru ha l-art fis-sena 1966 ghaliex tahilu George Cilia, (ghalkemm jidher li lanqas huwa ma kien prezenti ghall dan l-allegat ghoti ta' pussess ta' din l-art lill-missierhu), fix-xhieda tieghu stess quddiem din il-Qorti datata 8 ta' Ottubru 2008 huwa jghid li din l-art kienet ghaddiet ghand missieru minn 1962 (fol. 161).

(h) Illi hemm ix-xhieda ta' hu l-konvenut Emanuel Vella li fil-kontro-ezami tieghu tat-3 ta' Frar 2010 jghid li missieru kien ha l-proprjeta' minghand Karmenu Grech maghruf bhala l-Manjott, mentri l-konvenut u missieru jghidu li hadu l-proprjeta' minghand George Cilia. Din hija kontradizzjoni

ohra ghat-tezi tal-konvenuti mix-xhieda stess tal-konvenuti.

(i) Illi hemm wkoll ix-xhieda ta’ Massimo Falzon li fl-affidavit tieghu jghid li huwa kien ilu jmur l-ghalqa ghall 40 sena, izda mbaghad fil-kontro-ezami tieghu datat 17 ta’ Marzu 2010, meta muri r-ritratti a fol. 52 sa 57 tal-process tal-istess ghalqa u t-toroq li jaghddi ghaliha, baqa’ ma gharafx l-istess raba, u dan irrendi anke din ix-xhieda inkredibbli.

(j) Illi George Vella, iben il-konvenuti, fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2010 sostna li missieru l-konvenut kien ha l-ghalqa minghand missieru (nannuh), izda xorta wahda xehed li ma kienx jaf minghand min kien hadha, u sostna testwalment li jiftakarhom *“isemmu lil xi hadd Frederick. Ma nafx kunjomu”.* Ghall darba ohra, din il-versjoni apparti li tikkontradixxi x-xhieda tal-konvenuti, tkompli trendi l-versjoni tal-konvenuti inveritiera, ghaliex effettivament jirrizulta li kien hemm certu Frederick Ciantar li kien akkwista l-istess proprjeta’ mal-Onorevoli Mhallef Joseph Herrera, u li kien huwa il-persuna li l-ahhar li rregistra l-art fuq ismu l-Ghammieri, tant li dan jirrizulta li kellhu l-art hekk registrata sas-sena 1988 (Dok. “PA 1” – fol. 148) u certament din hija iktar minn koincidenza, tenut kont tal-atti pubblici esebiti mis-socjeta’ attrici, u l-allegazzjonijiet mhux sostanzjati u kontradittorji moghtija mill-konvenuti f’kull stadju u f’kull punt tal-kawza.

(k) Il-konvenut isostni li regolarment kien jahdem l-ghalqa u anke jbiegh il-prodott li jiehu mill-istess izda fl-ebda stadju ma prezenta xi dokument li juri dan ghall-ebda sena mis-snin kollha li huwa qed jghid hadem din l-ghalqa, raba’ jew art; dan iktar u iktar meta sostna li meta rtira mix-xoghol l-ghejxien tieghu kien jiddependi fuq il-prodott mill-istess (xhieda 28 ta’ Mejju 2008) . Taht kull aspett dan ikompli jikkonferma li l-versjoni tal-konvenuti ma ghandha xejn mill-verita’, u hija ghall kollox inkredibbli taht kull perspettiva u minn kull optika.

(i) La darba l-konvenut qed jallega li huwa ilu bil-pussess ghall iktar minn tlettin sena, u allura huwa qed

ivanta li kien qed jipposedi l-istess art bhala tieghu, izda dan mill-provi prodotti qatt ma setgha jkun ghaliex l-istess konvenut, anke jekk tigi kkunsidrata ghall-grazzja tal-argument it-tezi tieghu, qatt ma indika b'xi mod taht liema titolu George Cilia kien allegatament ghadda l-pussess tal-istess art lill missieru; u mhux biss izda lanqas indika taht liema titolu l-missier ghadda din l-art lil konvenut; u dan huwa iktar importanti meta jigi kkonsidrat li ma kien hemm ebda kitba sabiex sar dan it-trasferiment ta' detenzjoni ta' art bla ebda indikazzjoni ta' titolu li wiehed jista' jemmen fih u jippretendi li l-art hija tieghu bhala sid; fil-fatt il-konvenut jghid li missieru tah din l-art biss verbalment,  u hija sinifikanti wkoll li dan baqa' ma gie registrat imkien.

Illi jinghad ukoll li jirrizulta li l-konvenut stess f'dan iz-zmien kollu qatt ma saqsa jew indenja ruhhu jispjega b'xi mod kif kien qed jippretendi li tali art hija tieghu, anzi kien attent sabiex anke f'din il-kawza, fejn qed jallega titolu, huwa jkun evasiv ghall kollox fuq tali punt. Fil-fatt jinghad li mix-xhieda li din il-Qorti ezaminat, inkluza dik li nghatat quddiemha *viva voce*, u mill-komportament tal-istess konvenut waqt li ta d-deposizzjoni tieghu, dan kien wiehed verament evasiv ghall-ahhar b'mod li jista jinghad li kienet imgieba ta' bniedem li kien qed jipprova jaghmel minn kollox sabiex jahbi xi haga u jahrab mill-mistoqsijiet li kienu qed isirulu, b'mod li dan irendi x-xhieda tal-konvenut ghall kollox inkredibbli, u l-Qorti thoss li l-istess xhieda qatt ma tista' titwemmen lanqas ghall mument wiehed, u dan proprju ghaliex il-konvenut ma ghandu xejn fuq x'hiex jibbazza t-tezi tieghu.

Illi certament li taht dan il-kuntest, qatt ma jista jinghad li l-konvenuti kellhom xi pussess li jista' qatt jikkwalifika ghall dak rikjest mill-ligi u dan anke tenut kont ta' dak li inghad fl-ismijiet **"Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Sammut Emanuel"** (P.A. (PS) – 28 ta' Marzu 2003) fis-sens li l-pussess ta' tlettin sena irid ikun legittimu jigiefieri kontinwu u mhux interott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, u b'hekk irid ikun hemm pussess materjali fis-sens li jkun hemm il-poter ta' fatt fuq il-haga u dak intenzjonali, cjoe' l-animu tal-possessur li jgawdi d-

dritt fuq il-haga bhalliikeku hu kien il-proprejatarju taghha - *“animus et corpus; corpis possessionis, et animus possidendi vel dominus domini”* b’dan li mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta’ haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.

Illi minn dak prodott jinghad li dawn l-elementi lanqas biss gew minimament sodisfatti ghaliex anke jekk tigi accettata ghall mument il-versjoni tal-konvenuti, li l-art inghatat lill missier il-konvenut minn George Cilia, qatt u minn imkien ma jirrizulta li dan tahom xi titolu fuq l-istess, u fil-fatt l-konvenuti qaghdu atttenti sabiex jevadu kull mistoqsija dwar l-istess; l-allegata okkupazzjoni ta’ l-istess raba’ ghall dan l-allegat zmien kollu, hija nieqsa minn kull tip ta’ dokumentazzjoni kwalunkwe, inkluz registrazzjoni mal-Ghammieri u minn xi ricevuti jew dokumentazzjoni ta’ bejgh tal-prodott li allegatment kien jittiehed mill-istess art, prodott li l-konvenut xehed li kienu jiehu mill-istess ghalqa u li kien ibiegh u lanqas ma kien hemm ebda prova ta’ xi tip ta’ hlas lill min il-konvenut qed jghid li kien jahdem l-art, b’mod li ma jistax jinghad li l-allegat pussess vantat millo-konvenut kien b’xi mod pubbliku u jew li kien inekwivoku.

Illi jinghad ukoll li b’riferenza ghan-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti li r-referenza ghall-**artikolu 530** certament ma tghinx lill-konvenut u dan peress li l-konvenuti qatt ma ghamlu riferenza ghall-ebda titolu partikolari u allura certament li din id-disposizzjoni ma tistax tigi utillizata mill-konvenuti ghaliex mhux il-kaz.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu ma hemm l-ebda dubju li l-provi attrici dwar it-titolu taghhom gew ippruvati fil-waqt li l-kontro-talba tal-konvenuti ma gietx ippruvata.

Illi dwar l-effett tat-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Emmanuel Bonello anke *in vista* tal-ewwel eccezzjoni minnu mressqa (fol. 218), l-istess qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fl-ahharnett dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 2143 u 2144 tal-Kap. 16,** la darba ma rrizultax li l-konvenuti kellhom pussess tal-art ghall perjodu ndikat fl-istess artikoli, anzi jirrizulta li l-awturi tas-socjeta’ attrici, nkluz Emanuel Bonello (fol. 37) u Vincent Borg kellhom pussess tal-istess raba’ kontinwament, tant li l-art kienet registrata fuqhom bhala li tinhadem almenu sas-sena 1988 (Dok. “PA 1”) u dan apparti dak kontenut fil-kuntratti tan-1967 fuq imsemmija fejn l-vendituri hemm imsemmija rriservaw id-dritt li jigbru l-prodott li hadu dik is-sena, mela allura ma jistax jinghad li ghaddew b’xi mod il-perjodi msemmija fl-istess disposizzjonijiet citati mill-konvenuti anke ghal dik li hija preskrizzjoni estintiva u ghalhekk din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lill Emanuel Bonello mill-osservanza tal-gudizzju u **tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi tal-artikoli 2143 u 2144 tal-Kap. 16** fir-risposta guramentata tal-konvenuti datata 16 ta’ Gunju 2008 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u fil-waqt li tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess konvenuti kontenuti fl-istess risposta guramentata, u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza Mary Borg et kontenuti fir-risposta guramentata datata 29 ta’ April 2009 biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, u fil-kontumacja tal-kjamata fil-kawza Carmen Bonello, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Maria Dolores *sive* Doris Vella sabiex, fi zmien qasir u perentorju ta’ tletin gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, jizgombraw mill-porzjoni diviza ta’ art maghrufa bhala ta’ Sqaq iz-Ziemel, fil-kontrada tal-Handaq, fil-limiti ta’ Hal Qormi, tal-kejl ta’ cirka erbat itmiem u hames kejliet (T4.S0.K5) ekwivalenti ghal cirka erbat elef hames mija u disghin metru kwadru (4,590m.k.) konfinanti mit-Tramuntana in parti ma’ Sqaq iz-Ziemel li minnu ghandha access u in

parti ma' beni ta' Giuseppe Agius, Lbic ma' beni ta' Dun Gorg Zarb, u Grigal u Lvant ma' beni ta' Giuseppe Agius, kif soggetta ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta' mija tmienja u ghoxrin ewro u tnax-il centezmu (€128.12) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin Lira Maltija (Lm55), minn kull haga ohra libera u franka bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha, u dan *stante* li l-konvenuti qed jokkupaw l-istess art minghajr titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez kollha tal-azzjoni attrici, inkluzi dawk tal-kjamati fil-kawza kontra l-konvenuti.

Illi ghall-istess motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** dwar il-**kontro-talba rikonvenzjonali** tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores *sive* Doris Vella datata 16 ta' Gunju 2008, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici sollevati minnha permezz tar-risposta taghha datata 10 ta' Lulju 2008 ghall-kontro-talba tal-konvenuti, u dawk sollevati mill-kjamati fil-kawza fir-risposta guramentata taghhom datata 30 ta' April 2009 ghall-kontro-talba tal-konvenuti dejjem in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi ghaliex l-istess konvenuti ma ghandhom ebda titolu fuq l-istess art mertu tal-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba, nkluz tal-kjamati fil-kawza a karigu tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores *sive* Doris Vella.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------